**24 ta' Ġunju, 1985**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

John Pearson

*versus*

Paul Micallef

**Kompetenza - Att li jagħti lok għal Azzjoni ta' Danni - Att ta' Natura Ċivili**

*L-attur aġixxa biex jirkupra danni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ. Il-Qorti ta' l-Appell irritjeniet illi l-att li jagħti lok għall-azzjoni huwa wieħed ta' natura ċivili u għalhekk iddeċidiet definitivament illi kompetenti hija l-Qorti Ċivili. Riprodott prinċipalment għall-kompjetezza tal-kronaka ġudizzjarja ta' l-epoka.*

Il-Qorti: -

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur, wara li ppremetta li huwa l-proprjetarju tal-*van* Austin Nru. N-7712 u fit-23 ta' April, 1981 għall-ħabta ta' xi l-10.30 a.m. filwaqt illi kien wieqaf fi Mdina Road, ir-Rabat "taħt is-Saqqajja" bil-*bonnet* miftuħ jaħdem fil-magna ta' l-istess *van* li kellha "*air lock*" il-konvenut li kien qiegħed isuq il-Morris Marina Nru. C-2510 assikurata mas-soċjetà "*Gasan Insurance Agency Ltd.*", b'imperizja, negliġenza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku ħabat mal-*van* ta'

l-attur - dokument 'X' u 'Y'; u peress illi b'konsegwenza ta' l-istess kollizzjoni l-attur sofra danni fil-*van* tiegħu u telf ta' qligħ fl-ammont globali ta' tmien mija, u tnejn u sittin lira Maltija u disa' u għoxrin ċentezmu (Lm862.29,0) *oltre* mitt lira Maltija (Lm100) għall-"*bodybuilder*" li kellha titħallas direttament mis-soċjetà "*Gasan Insurance Agency Ltd.*" u dana kif jirriżulta mill-annessi dokumenti mmarkati 'A', 'A1', 'B', 'C', 'D', 'E', 'F' u 'G' apparti mill-ferita ta' natura permanenti li sofra l-attur u li kkaġunatlu "*disability*" ukoll ta' natura permanenti, li tirriżulta mid-dokumenti 'H', 'I' u 'J'; u peress illi, sa mill-bidu nett, is-soċjetà "*Gasan Insurance Agency Ltd*", in rappresentanza tad-ditta estera "*General Accident Fire and Life Assurance Company Limited*" assumiet ir-responsabilità kollha għall-assikurat tagħha l-konvenut Paul Micallef u ttrattat ma' l-attur dwar l-istess kollizzjoni; u peress illi għall-ewwel l-istess soċjetà qablet ma' l-attur illi din il-vertenza tiġi deċiża permezz ta' arbitraġġ u mbagħad qablet illi tiġi deċiża l-kwistjoni biss tad-danni kkaġunati fil-karozza ta' l-attur u t-telf ta' qligħ minnu filwaqt illi l-kwistjoni ta' *disability* tiġi deċiża ġudizzjarjament; u peress illi s-soċjetà imsemmija issa regħet lura anki mit-tieni proposta tagħha u l-konvenut personalment baqa' ma kkompensax lill-attur għad-danni sofferti minnu; l-istess attur talab li dik il-Qorti (1) tiddikjara illi l-kollizjoni tat-23 ta' April, 1981, fuq imsemmija, ġrat unikament minħabba l-imperizja, negliġenza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu; u (2) tikkundannah iħallas lill-attur l-ammont ta' Lm862.29,0 dovut kif fuq ingħad, jew ammont ieħor verjuri, bħala danni kkaġunati fil-karrozza ta' l-attur u telf ta' qligħ minnu; (3) tiddikjara illi b'riżultat ta' l-istess kolliżjoni l-attur sofra ferita ta' natura permanenti li kkaġunatlu *disability* permanenti; (4) tillikwida l-kunpens dovut lilu minħabba d-*disability* soffert minnu, anki bl-opra ta' periti nnominati jekk

ikun il-każ, u (5) tikkundannah iħallas lill-attur dan l-ammont hekk illikwidat; bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittri uffiċjali tal-15 ta' Frar, 1983 u tat-12 ta' April, 1984 u ta' l-ittri bonarji tal-15 ta' Mejju, 6 u 27 ta' Lulju, 7 ta' Settembru u 5 ta' Diċembru, 1983 u tas-6 ta' Frar, 1984 u bl-imgħaxijiet relattivi mid-data ta' l-istess imsemmija kollizzjoni kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa *inter alia* l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione materiae stante* li l-eċċipjenti mhux negozjant u l-meritu ta' din il-kawża mhux ta' natura kummerċjali;

Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fis-17 ta' April, 1985 li biha laqgħet l-imsemmija l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, iddikjarat ruħha inkompetenti li tkompli tisma' din il-kawża u *ai termini* ta' l-Artikolu 779 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ordna lir-Registratur jibgħat l-atti tal-kawża lil din il-Qorti biex jiġi deċiż definittivament liema hija l-Qorti kompetenti wara li kkunsidrat;

Illi fl-udjenza tal-15 ta' April, 1985 ġie verbalizzat li d-difensur ta' l-attur kien jaqbel li l-Qorti kompetenti kienet il-Prim' Awla peress li l-inċident awtomobilistiku in kwistjoni kien ta' natura ċivili u mhux kummerċjali;

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-att innifsu li oriġina din il-kawża jidher li hu strettament ta' natura purament ċivili u għalhekk din il-Qorti ma hiex kompetenti li tkompli tieħu konjizzjoni tal-kawża;

Rat a fol. 30 il-verbal li minnu jirriżulta li l-atti ta' din il-kawża ġew introdotti f'din il-Qorti;

Rat l-atti rilevanti u opportuni;

Ikkunsidrat:

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob li l-Qorti tiddikjara lill-konvenut responsabbli għall-inċident imsemmi fiċ-ċitazzjoni u tikkundannah li jħallas d-danni li huwa sofra bħala konsegwenza ta' l-istess aċċident;

Huwa evidenti għalhekk, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, li l-att li qiegħed jagħti lok għall-azzjoni odjerna huwa att ta' nattura ċivili u mhux att ta' natura kummerċjali u kwindi kompetenti hija l-Onorabbili Qorti Ċivili;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi definitivament li l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża hija l-Prima' Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili u tordna li għat-tenur ta' l-Artikolu 779(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-attijiet ta' din il-kawża jintbagħtu lil dik il-Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.